MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' April, 2007

Avviz Numru. 626/2004

**Marlene Camilleri**

**V**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-attrici pprezentat avviz fir-registru ta’ din il-Qorti fejn talbet lil din l-Qorti tikkundanna lil konvenut ihallasha s-somma ta’ elfejn tmien mija u sittin lira maltin (LM2,860) rapprezentanti bilanc ta’ taxxi fuq dokument li ghandu jithallas mill-istess konvenut in konessjoni mal-flat internament markat numru 12, bin-numru 71, The Strand Sliema li gie assenjat lilha wara s-separazzjoni personali ta’ bejniethom u dan kif jidher mill-kuntratt anness redatt minn Nutar Dr. Marco Farrugia tas-17 ta’ Novembru 1998 u markat bhala dok. A u senjatament klawsola 5(a) tal-istess kuntratt , oltre l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficcjali.

Illi l-ufficcju tat-Taxxi Interni qieghdin jitolbu lill-istess attrici thallas dan l-ammont rappresentanti l-bilanc ta' taxxa fuq dokument dovut, u kif jidher minn notifika ta' likwidazzjoni hawn anness u mmarkat bhala dokument B, liema bilanc ta' elfejn tmien mija u sittin lira maltin (LM2,860) mitlub u pretiz mill-attrici, qieghda titlob sabiex tkun tista thallas lill-ufficcju tat-Taxxi Interni, l-ammont dovut.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Settembru 2004, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' April 2005 fejn eccepixxa li:-

l. Preliminarjament l-attrici ghandha tipprova li fil-jum tal-prezentata tal-kawza odjerna hija kienet diga inkorriet u sborsat xi spejjez li kien obbligat ighamel fronti ghalihom l-eccipjenti u, fin-nuqqas ta' tali prova, it-talbiet taghha ghandhom ikunu respinti bl-ispejjes.

2.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhux debitur ta' l-attrici.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dritt ta' azzjoni ghal hlas ta' taxxa ma jispettax lill-attrici izda semmai jispetta biss lill-awtoritajiet governattivi responsabli mill-gbir tat-taxxa.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici kellha u/jew ghad ghandha d-dritt li tikkontesta l-likwidazzjoni tat-taxxa fuq dokumenti mhejjija mill-Ufficju tat-Taxxi Interni u, ghalhekk, it-talba taghha hija fl-ewwel lok intempestiva u fit-tieni lok eccessiva.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokumentazzjoni kollha esebita.

Semghet l-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura u dan wara li din l-istess kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar l-1 ta’ Frar 2007.

Ikkunsidrat.

L-attrici pprezentat l-affidavit taghha fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-30 ta’ Novembru 2004 u xehdet il-Qorti nhar is-16 ta’ Gunju 2005 (fol.30). Spjegat illi hija tinsab de iure separata minn ma zewgha l-konvenut permezz ta’ kuntratt ta’ firda konsenswali redatt minn Nutar Dr. Marco Farrugia datat 17 ta’ Novembru 1998 (Dokument A fol.3). Qalet li hija kienet giet assenjata permezz ta’ dan l-istess kuntratt flat internament enumerat 12 fi blokk numru 71 The Strand, Sliema.

Spjegat li zewgha kien deher fuq il-kuntratt originali ta’ akkwist redatt minn nutar Dr. Peter Fleri Soler u hallas il-bolol dovuti lil Kummissarju tat-Taxxi Interni. Sussegwentement, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni baghatilha avviz fejn talabha thallas ulterjorment is-somma ta’ elfejn u hames mitt lira maltin (LM2,500) (vide dok. B fol.8) bhala boll addizzjonali. Ghalhekk ghamlet kuntatt mal-accountant ta’ zewgha certu Albert Scerri u infurmatu b’dak li kienet irceviet u dan qalilha li kien ser jirranga kollox hu mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda minkejja dan wara ftit ta’ zmien irceviet avviz iehor u din id-darba kkonsenjat l-avviz lil zewgha il-konvenut.

Qalet li marret tkellem personalment li min kien inkarigat fid-dipartiment koncernat u hemmhekk giet mgharfa li jekk ma thallasx il-boll dovut kienu ser johdulha il-flat. Hija ghalhekk hasset ruhha kostretta li thallas is-somma li sa dak iz-zmien kien telghet elfejn tmien mija u sittin lira maltin (LM2,860). Din is-somma tirraprezenta l-boll u l-penali li giet imposta fuqha mid-dipartiment tat-Taxxi Interni. Hija sussegwentement talbet ir-refuzjoni ta’ dan l-ammont minghand zewgha l-konvenut izda huwa baqa’ ma hallashiex.

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid illi hija ma dahlitx fil-kalkoli u l-*breakdown* kif kalkolati mill-ufficcjal pubbliku li jahdem mal-Ufficcju tat-Taxxi Interni. Taf pero li ordnalha thallas din is-somma sa mhux aktar tard minn Novembru 2004 u kienet infurmat lil konvenut b'dan permezz ta' ittra legali mibghuta lilu esebita fl-atti u markata bhala Dok. C datata 22 ta' Settembru 2004.

Illi nhar it- 2 ta' Novembru 2005 l-attrici ipprezentat nota ta' riduzzjoni u permezz ta' l-istess irriduciet it-talba taghha originali minn LM2860 ghas-somma ta LM2540 rappresentanti s-somma li effettivament spiccat halset skond ir-ricevuta esebita fl-atti datata 2 ta' Novembru 2005.

Illi minn esami ta' din ir-ricevuta a fol.5 jirrizulta li l-attrici effettivament hallset is-somma ta' elfejn hames mija u erbghin (LM2,540) nhar il-21 ta' Dicembru 2004.

In kontro-ezami nhar id-19 ta' April 2006 l-attrici ikkonfermat li hija kienet taght kopja tal-avviz datat 22 ta' Marzu 2004 esebit fl-atti a fol.8 (Dok. B) lil *accountant* ta' zewgha u li dan qallha biex thalli kollox f'idejh kif del resto xehdet fix-xhieda principali taghha. Iddikjarat ukoll li hija kienet baghtet l-ittra ta' *objection* lid-dipartiment dwar l-avviz in kwistjoni.

Illi nhar il-15 ta' Gunju 2006 xehed **Alexander Fenech** bhala rappresentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kkonferma li l-attrici kienet verament baghtet *objection* dwar il- valur li kien gie stmat l-proprjeta taghha u mibghut lilha mid-dipartiment. Fil-fatt id-dipartiment l-ewwel irriduca it-talba originali tieghu ghas-somma ta' LM2,740 imbaghad reggha irriduca dan l-ammont ghal darb' ohra ghal dak li effettivament halest l-attrici u cioe ghas-somma ta' LM2,540. Ikkonferma ukoll li waqt it-trattativi li kienu ghaddejja l-attirici kienet ghamlet *provisional payment* ukoll.

Ikkunsidrat.

Illi minn ezami tal-kuntratt ta separazzjoni tal-kontendenti esebit fl-atti bhala Dok A jirrizulta fil-hames artikolu sub inciz (a) (i) illi l-attrici odjerna giet assenjata lillha mill-konvenut odjern "*id-drittijiet kollha fuq il-konvenju iffirmat mill-komparenti konjugi Camilleri in konnessjoni mal-flat numru 12 numru wiehed u sebghin (71) the Strand Sliema, liema konvenju gie iffirmat quddiem in-Nutar Peter Fleri Soler flimkien ma' l-ghamara u oggetti ohra hemm ezistenti inkluzi oggetti ta' deheb, fidda jew valur simili, minbarra l-hwejjeg personali tar-ragel u hwejjeg ohra li l-partijiet diga ftiehmu dwarhom. Il-komparenti konjugi Camilleri jiddikjaraw li l-prezz fuq il-fond hawn fuq indikat diga jinsab imhallas fl-intier tieghu u r-ragel jobbliga ruhu li la darba jsir il-kuntratt finali ta' dan l-appartament* ***<u>l-ispejjes kollha relattivi inkluzi l-Bolli jithalsu minnu</u>***" (sottolinejar u enfazi tal-Qorti).

Illi bhala fatt jirrizulta li verament kien hemm boll addizzjonali x'jithallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq din il-proprjeta li giet trasferita lill-attrici minghand il-konvenut. Dan l-ammont kien ta' LM2,540. Irrizulta ukoll li l-attrici halset dan l-ammont ta' flus kif mitlub lilha mil-istess dipartiment tat-Taxxi Interni nhar il-21 ta' Dicembru 2004 u cioe xahar wara li fethet il-kawza odjerna. Irrizulta ukoll li qabel ma fethet din l-istess kawza odjerna l-attrici kienet ukoll interpellat lil zewgha permezz ta' ittra bonarja datata 22 ta' Settembru, 2004 (Dok. C a fol. 17 tal-process) sabiex huwa ihallas il-boll dovut, izda, skond ma jirrizulta mill-atti tal-kawza huwa qatt ma wegibha.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intempestivita o meno ta' l-azzjoni odjerna, il-Qorti tirrileva illi li kieku kien hemm xi prova li l-konvenut wiegeb l-ittra bonarja tal-attrici u dan fis-sens li kien qieghed jiehu hsieb din il-kwistjoni mad-Dipartiment koncernat, allura <u>forsi</u> li l-konvenut setgha kellu ragun. Pero l-Qorti xorta hija tal-fehma illi din l-eccezzjoni tal-konvenut ma ghandha l-ebda fundament legali u dan peress illi l-avviz odjen gie intavolat fil-11 ta' Novembru, 2004 u l-avviz tan-notifika tal-likwidazzjoni dwar il-proprjeta in kwistjoni (li giet trasferita lill-attrici fit-30 ta' Gunju, 1999 ara fol. 39 et seq) huwa datat 22 ta'

Marzu, 2000 (ara Dok. B a fol. 8). Ghalhekk zgur li l-azzjoni attriuci hija tempestiva.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni u cioe li l-konvenut ma huwiex debitur ta' l-attrici, il-Qorti sejra tichadha u dan peress illi jirrizulta li l-attrici effettivament hallset is-somma ta' Lm2,540 lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan bhala boll addizzjonali fuq il-fond li gie trasferit lilha, liema boll, skond il-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti kellhu jithallas mill-konvenut u ghalhekk illum il-gurnata l-attrici hija kreditrici tal-konvenut f'dan l-istess ammont.

Dwar it-tielet eccezzjoni, ghalkemm huwa minnu li t-taxxa tingabar generalment mill-awtoritajiet governattivi, f'dan il-kaz, l-attrici ma hijiex titlob lill-konvenut sabiex ihallasha t-taxxa izda qeghda titlob li hija tigi rimoborsata ta' hlasijiet ta' taxxa li hija ghamlet, meta kien l-istess konvenut li kien obbligat li jaghmel dan.

Illi fir-rigward ta' l-ahhar eccezzjoni jirrizulta mill-atti kemm min dak li xehdet l-attrici, kif ukoll minn dak li xehed Alexander Frendo, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi hija kienet baghtet ittra ta' *objection* u a bazi ta' l-istess is-somma originarjament reklamata mid-Dipartiment tat-Taxxa kienet giet ridotta. Illi ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Illi l-konvenut ftiehem mal-attrici permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 17 ta' Novembru, 1998 illi huwa kien qieghed jobbliga ruhhu li la darba jsir il-kuntratt finali tal-fond numru 71, appartament numru 12, f'The Strand, Sliema, huwa jhallas l-ispejjez kollha relattivi inkluzi l-bolli. Illi din il-Qorti ma tantx ghandha xi tghid ghajr illi dak li jiftehmu il-partijiet bejniethom, sakemm ma jmurx kontra l-ordni pubbliku, huwa ligi bejniethom u dan in omagg tal-principju *pacta sunt servanda*. Ghalhekk il-konvenut huwa obbligat li jaghmel dak li obbliga ruhhu li jaghmel fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn imsemmi u cioe li jhallas il-Bollol li f'dan il-kaz jammontaw ghal Lm2,540.

GHALDAQSTANT din il-Qorti filwaqt li qeghda tichad l-eccezzjoni kollha tal-konvenut, qeghda tilqa t-talba tal-

attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallasha s-somma ta' elfejn hames mija u erbghin lira bl-imghaxijiet legali minn meta hija hallset din is-somma u cioe mill-21 ta' Dicembru, 2004.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------